MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## YANA MICALLEF STAFRACE

Seduta ta' l-14 ta' Gunju, 2011

Talba Numru. 379/2009

**Albert Camilleri ID 839851 (M)**

**vs**

**Maria Dolores Mifsud Bishara**

**It-Tribunal,**

**Ra** li f'dan l-AVVIZ l-attur qed jitlob m'ghand il-konvenuta s-somma ta' elf, mitejn sitta u tlettin ewro (€1,236.00) bilanc dovut fuq prezz tal-vettura Renault Clio nru BAE 642 debitament mibjugha u konsenjata lill-konvenuta u spejjes ohra.

Flimkien ma spejjes ta' ittri bonarji u ittra ufficjali kif indikat fl-AVVIZ. Bl-imghax mit-18 ta' Mejju 2007.

**Ra** li fir-RISPOSTA taghha l-konvenuta qalet hekk:-

1. Ir-Renault kellha diversi difetti li kellhom jissewwew mill-konvenuta. Accessorji li kellhom jigu konsenjati baqghu ma gew mghoddija lill-konvenuta.
2. Ghalhekk mill-quantum mitlub ghandhom jitnaqqsu l-ispejjes imsemmija u l-valur tal-accessorji. B'riserva ta' risposti ulterjuri, inkluzi dawk ta' ittra ufficjali responsiva.

**PROVI**

A F'din il-kawza tressqu provi minn naha tal-atturi biss billi l-konvenuta naqset li tixhed jew tressaq provi minkejja kull facilita' u ordni li kellha biex taghmel dan. Finalment, fl-udjenza tal-31 ta' jannar 2011 gie verbalizzat hekk:-

Dr. Claudio Zammit ghall-konvenuta jiddikjara li ilu ma jisma minghand il-klijenta tieghu minkejja tentattivi li ghamel sabiex jikkorrispondi maghha.

Hawn it-TRIBUNAL ivverbalizza hekk:-

It-TRIBUNAL jara li l-kawza ilha differita ghal diversi seduti ghax-xhieda tal-konvenuta li baqghet ma dehritx.

Jiddikjara l-provi bhala maghluqa u jhalli l-kawza ghas-sentenza ghad-9 ta' Mejju 2011.

B1 **Albert Camilleri,** attur, qal li l-konvenuta kienet marret fil-garaxx tieghu ghall-akkwist ta' karozza u hu wrieha r-Renault ta' bintu. Qalilha li kien qed itiha *service* u kellha bzonn hasla tal-makna. Meta l-konvenuta marret it-tieni darba, qalilha li l-makna kienet qed taqta u li kien ser johodha ghand mekanik, kif fil-fatt ghamel. Kiteb il-ftehim Dok AC1 (*a fol* 16) u ffirmawh it-tnejn. Prezz tax-xiri €2330 li minnhom thallsu €800 dak il-hin. Wara kellhom isegwu 4 pagamenti matul l-2008: €400 (Awwissu), €400 (Settembru), €400 (Ottubru) u €330 f'Novembru. Minn dawn, **thallsu fis-7 ta' Ottubru €400 biss**. (enfasi tat-Tribunal). Dana avvolja il-licenzja tar-Renault u l-polza tal-assikurazzjoni inqalbu mill-ewwel fuq il-konvenuta li mill-ewwel hadet ukoll il-pussess tal-vettura.

2 Hu fadallu jiehu bilanc ta' €1130 fuq il-prezz tal-vettura u d-differenza bejn dan l-ammont u l-*quantum* ta' €1236 jirraprezenta dak li ghall-konvenuta, hallas bhala assikurazzjoni u trasferiment tal-licenzja. Bhala Dok AC 2 hemm fotokopja ta' tliet kambjali li jirraprezentaw hlas li ma giex onorat u li jikkorrispondi ghal dak imfisser fil-paragrafu ta' qabel dan.

3 Meta beda jigri warajha ghall-pagamenti bdiet iggieblu skuzi, bhal li kien hemm xi "handle" nieqes ecc.

4 In kontro-ezami qal li l-konvenuta qatt ma marret tilmenta fuq il-vettura. Kien hemm difett fil-mergha tal-genb u l-"handle" tal-bieba ta' wara u rrangalha.

5 Meta l-vettura kien sarilha *service* qabel ghaddiha f'idejn il-konvenuta din kienet marret ma zewgha, daru dawra bil-vettura u harget soddisfatta.

**<u>KONSIDERAZZJONIJIET</u>**

1. Il-konvenuta naqset li tixhed jew li ggib xi provi, kif ga imfisser u allura t-TRIBUNAL ikollu joqghod fuq il-provi li ressaq l-attur, konsistenti fix-xhieda tieghu u d-dokumenti minnu esebiti bhala fotokopja izda li t-TRIBUNAL ikkontrolla mal-original u kien soddisfatt.

2. B'danakollu xorta it-TRIBUNAL irid ikun soddisfatt li l-attur irnexxielu **<u>jipprova</u>** l-kaz tieghu. Jekk il-kontumacja mhiex ammissjoni, iktar u iktar m'ghandniex ammissjoni fil-kaz prezenti fejn il-konvenuta ressqet RISPOSTA. Meqjus dan in linea ta' massima, it-TRIBUNAL hu soddisfatt li l-attur irnexxielu jipprova il-pretensjoni ossia talba tieghu.

**<u>DECIZJONI</u>**

It-TRIBUNAL wara li (1) **<u>jichad</u>** l-eccezzjonijiet kollha tal-konvenuta **<u>jilqa</u>** t-talbiet attrici u (2) jikkundanna lill-konvenuta thallas lill-attur il-*quantum* ta' elf, mitejn, sitta u tlettin Ewro (€1,236.00c) kif mitluba fl-AVVIZ; (3) tikkundannaha thallas l-ispejjes ta' dina l-kawza u dawk l-ispejjes l-ohra mitluba fl-AVVIZ u (4) tikkundannaha thallas l-imghax fuq il-*quantum* ta' elf, mitejn, sitta u tlettin Ewro (€1,236.00c) mill-lum sal-jum tal-pagament effettiv.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------